

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [Network Ġudizzjarju Ewropew F'Materji Kriminali](#)
> [Librerija Ġudizzjarja](#)

Librerija Ġudizzjarja

Il-Librerija Ġudizzjarja tan-NĠE f'materji kriminali hija mfasla biex tipprovdi lill-prattikanti legali bid-dokumenti disponibbli kollha relatati mal-istrumenti legali rilevanti tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Il-librerija Ġudizzjarja fiha wkoll dokumenti rilevanti ta' istituzzjonijiet oħrajn (KtE, NU).

Il-Librerija Ġudizzjarja tinkludi wkoll [l-Istatus ta' Implimentazzjoni](#) tad-diversi strumenti legali applikabbli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Din it-taqsimha tipprovdi mhux biss l-istat attwali għad-diversi Stati Membri iżda wkoll, fejn disponibbli, informazzjoni dwar *id-data tad-dħul fis-seħħ, il-leġiżlazzjoni nazzjonali, ħoloq għan-notifiki uffiċjali u informazzjoni addizzjonali*.

Il-Librerija Ġudizzjarja tinkludi:

- L-Istrumenti Legali dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja adottati mill-Unjoni Ewropea
- L-Istrument Legali għal Żoni Speċifiċi tal-Kriminalità adottati mill-Unjoni Ewropea
- L-Istrumenti Legali Proċedurali adottati mill-Unjoni Ewropea
- It-Trattati tal-UE ma' Pajjiżi Terzi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

F'dawn il-kategoriji, tinsab l-informazzjoni li ġejja:

- It-testi tal-istrumenti legali
- L-Istatus tal-Implimentazzjoni
- Formoli Word tad-diversi strumenti ta' rikonoxximent reċiproku
- Formoli PDF editjabbli
- Rapporti (minn sorsi differenti)
- Informazzjoni Prattika
- Manwali
- Każistika Ewropea
- Leġiżlazzjoni Nazzjonali.

Din il-paġna hija disponibbli [hawnhekk](#) (nota: inti se tħalli l-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja).

L-aħħar aġġornament: 24/03/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.